MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2005

Numru. 372/2004

Il-Pulizija
(Spettur Dennis Theuma)
vs
Nikolai Delia

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmija, li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli f'dawn il-gzejjer fil-lejl ta' bejn it-8 u 9 ta' April, 2004 fil-lokalita ta' Hal-Lija :

1. Bil-hsieb li taghmel delitt urejt dan il-hsieb b'atti esterni u tajt bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt (serq minn go mobile kiosk) liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu, liema delitt huwa aggravat, bil-mezz u bil-hin. Dan kollu bi ksur tal-Artikoli 41 (1a), 263 (a) u 270 rispettivament tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. u aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u dan ghad-dannu ta' terzi, liema hsara hija ta' iktar minn ghaxar liri Maltin (LM 10), izda inqas minn hamsin liri Maltin (LM 50) u dan bi ksur tal-Artikolu 325 (c) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. u aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu jew zamm fuqu strument bil-ponta u li jaqta minghajr ma kellu permess mahrug mill-Kummissarju tal-Pulizija;

Fuq ammissjoni tal-imputat, debitament assistit, u wara li l-Qorti wissietu bil-konsegwenzi ta' din l-ammissjoni u tatu zmien xieraq sabiex jerga' jikkonsidra, issibu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontrih, u dan wara li l-Qorti rat l-Artikoli 41 (1) (a), 263, 270, 325 (1) (c), 17 u 31 tal-Kap. 9;

Il-Qorti ikkunsidrat ghall-fini ta' piena l-fatt illi l-hati ghandu fedina penali netta, irregistra ammissjoni mal-ewwel, kif ukoll il-fatt illi d-derubat hafirlu u m'ghandu l-ebda pretensjoni fil-konfront tieghu. Ghalhekk, wara li l-Qorti rat ukoll l-Artikolu 22 tal-Kap 446, tillibera lill-imputat bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tmintax il-xahar millum. Il-Qorti tiddikjara li wissiet lill-hati bil-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor matul il-perjodu ta' liberazzjoni taht kundizzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------